

32002D0215

14.3.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 72/18

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Marzu 2002

rigward il-konklużjoni tar-Raba' Emenda tal-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jħassru s-saff ta' l-ożonu

(2002/215/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

(1) Il-Komunità, minħabba ir-responsabbiltà għall-ambjent, bid-Deċiżjoni 88/540/KEE ⁽³⁾ saret parti mill-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-protezzjoni tas-saff ożonu u l-Protokoll ta' Montreal dwar l-elementi li jħassru s-saff ta' l-ożonu, u bid-Deċiżjoni 91/690/KEE ⁽⁴⁾ approvat l-Ewwel Emenda għall-Protokoll imsemmi, bid-Deċiżjoni 94/68/KE ⁽⁵⁾ approvat it-Tieni Emenda għall-Protokoll imsemmi u bid-Deċiżjoni 2000/646/KE ⁽⁶⁾ approvat it-Tielet Emenda għall-Protokoll imsemmi.

(2) Evidenza riċenti tindika li għall-protezzjoni xierqa tas-saff ta' l-ożonu livell iktar għoli ta' kontrol fil-kummerċ ta' sustanzi li jħassru l-ożonu hu meħtieġ minn dak provdut bil-Protokoll ta' Montreal, kif emendat fl-1997. L-istess evidenza tindika li għandu jkun hemm miżuri miżjuda biex jikkontrollaw il-produzzjoni ta' sustanzi li jħassru l-ożonu u b'mod partikolari, għall-hydrochlorofluorocarbons u sustanzi ġodda.

(3) Ir-Raba' Emenda għall-Protokoll ta' Montreal li tintroduċi dawn il-kontrolli kienet addottata mill-Partiti f'Diċembru ta' l-1999 f'Beijing.

(4) Il-Kummissjoni, fisem il-Komunità, ħadet sehem fin-negozjati u fl-addozzjoni ta' dik l-emenda.

(5) Il-Komunità addottat miżuri fil-qasam kopert mill-emenda, b'mod partikolari fir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sustanzi li jħassru s-saff ta' l-ożonu ⁽⁷⁾, u għandha, għalhekk, taċċetta impenni internazzjonali f'dak il-qasam.

(6) Hu neċessarju għall-Komunità li tapprova ir-Raba' Emenda għall-Protokoll ta' Montreal minħabba li d-disposizzjonijiet għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni u mal-kummerċ ta' sustanzi kontrollati bejn il-Komunità u Partiti oħra, l-implimentazzjoni li r-responsabbiltà tagħha hi tal-Komunità.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Raba' Emenda għall-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jħassru s-saff ta' l-ożonu hu hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

It-test ta' din l-Emenda huwa aness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat biex jinnomina persuna jew persuni bil-poter li jiddepożitaw l-istrumenti tal-approvazzjoni ta' din ir-Raba' Emenda fisem il-Komunità mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bi qbil ma' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Protezzjoni tas-Saff ta' L-Ożonu kif jinqara flimkien ma' l-Artikolu 3 tar-Raba' Emenda għall-Protokoll ta' Montreal.

⁽¹⁾ ĠU C 213 E, 31.07.01, p. 251.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fit-2.10.2001 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 297, 31.10.88, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 28.

⁽⁵⁾ ĠU L 33, tas-7.2.1994, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 272, tal-25.10.2000, p. 26.

⁽⁷⁾ ĠU L 244, tad-29.9.2000, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Marzu 2002.

F'isem il-Kunsill

Il-President

J. MATAS I PALOU
